**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 471/2012/JZM**

**Adrian Theuma**

***kontra***

**RLR Limited**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta` Mejju 2012 li jaqra hekk :-

*1. Illi l-attur kien xtara minghand is-socjeta` konvenuta magna gdida, tat-tip outboard tad-ditta ETEC 90 HP u dan ghall-prezz ta` €7,735.20;*

*2. Illi wara biss 100 siegha ta` uzu, din il-magna ma baqghetx ittella 'revolutions per minute' daqskemm suppost, b`dan li l-performance tal-magna bdiet tbati mill-ewwel, u bdiet tintefa` wehidha;*

*3. Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta ipprovat issewwi din il-magna diversi drabi, il-problema baqghet ma ssolvitx;*

*4. Illi jirrizulta ghalhekk bl-iktar mod car li l-magna li xtara l-attur minghand il-konvenut ma hix tal-kwalita` pattwita, u ma sservix l-uzu li kien intiz ghaliha u li wassal l-attur jixtriha;*

*5. Illi l-magna de quo hija koperta taht garanzija li tiskadi fil-11 ta` Mejju 2012, u ghalhekk dejjem kienet ben koperta, u s-socjeta` konvenuta ghalhekk kienet obbligata lill-attur ghat-tiswija jew tibdil tal-magna;*

*6. Illi wara d-diversi tentattivi ta` l-attur sabiex jasserixxi d-drittijiet tieghu taht il-garanzija, u ghalkemm l-attur ipprova jasal ghal ftehim bonarju mas-socjeta` konvenuta, l-attur ma rnexxielu jikseb ebda rimedju skont il-Ligi minghand is-socjeta` konvenuta, li bl-iktar mod car wriet li ma kenitx lesta tonora l-obbligi taghha skont il-Ligi;*

*7. Illi apparti kunsiderazzjonijiet ohra ta` dritt, l-agir tas-socjeta` konvenuta tikkostitwixxi wkoll ksur kuntrattwali billi ghalhekk ma onoratx il-garanzija moghtija fuq il-magna;*

*8. Illi l-attur ghalhekk safa kostrett li jadixxi l-magna de quo formalment taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti permezz ta` Cedola ta` Depozitu appozita;*

*9. Illi interpellata formalment, anke permezz ta` ittra ufficjali datata 13 ta` April 2012, biex taghmel tajjeb, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;*

*10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*11. Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom personalment;*

*Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m` ghandhiex :-*

*1) Tiddikjara li l-magna tat-tip ETEC 90HP mixtrija mill-attur minghand is-socjeta` konvenuta ma tahdimx kif suppost, ma hijiex tal-kwalita` pattwita bejn il-partijiet u separatament ghal dan ma hijiex assolutament tajba ghall-uzu intiz ghaliha u li ghalih intxtrat.*

*2) Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta ghandha l-obbligi illi tapplika fl-intier taghha l-garanzija applikabbli ghal bejgh de quo u li fil-kaz odjern ma rrispettatx l-obbligi taghha skont il-garanzija fuq il-magna.*

*3) Tikkundanna s-socjeta` konvenuta tirrifondi lill-attur l-ammont ta` €7,735.20, rapprezentanti l-prezz imhallas, u/jew alternattivament tigi rimpjazzata l-magna a spejjez tas-socjeta` konvenuta.*

*4) Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur.*

*5) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, occorrendo bl-opra ta` periti nominandi.*

*6) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali datata 13 ta` April 2012, u tac-cedola ta` depozitu li pprecediet dawn il-proceduri, u l-imghax legali*

*mid-data tal-bejgh tal-magna, kontra s-socjeta` konvenuta, li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fil-<u>11 ta` Gunju 2012</u> li taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-Art.1431 tal-Kap 16 u/jew tal-Art.2153 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nullita` tal-azzjoni attrici. Dana stante li r-rimedji li seta` jipprevalixxi ruhu minnhom l-attur f` dan il-kuntest, kienu jew li jrodd il-magna lura u jitlob il-prezz intier taghha (actio redhibitoria), jew alternattivament li jzomm il-magna u jitlob lill-Qorti li jigi mhallas lura parti mill-prezz tal-istess magna (actio aestimatoria). Illi l-attur beda juza l-magna in kwistjoni fil-11 ta` Mejju 2009 u baqa` juzah ghal numru ta` snin. Illi kien biss fl-10 ta` Mejju 2012 wara li l-magna tellghet mijiet ta` sieghat ta` uzu li ddecieda jiddepozita` l-magna in kwistjoni taht l-awtorita` tal-Qorti. Fil-kuntest ta` dana kollu, hija insostenibbli t-talba ghal-rifuzjoni tal-prezz ta` €7,735.20.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sta ghall-attur jidentifika l-azzjoni minnu promossa, u jekk si tratta ta` actio redhibitoria, actio aestimatoria, azzjoni ta` danni, jew wahda bazata fuq ksur ta` obbligi kuntrattwali.*

*4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrent Adrian Theuma.*

*5. Illi l-attur ma sofra l-ebda danni li jistghu jigu attribwiti ghal xi difett fil-magna mibjugha da parti tas-socjeta` konvenuta, nonostante l-fatt illi minkejja li mhux koperti bil-garanzija, minghajr ebda hlas. Hija ghalhekk is-socjeta` konvenuta illi semmai soffriet danni.*

*6. Illi l-attur ma jistax jitlob illi jigu applikati kundizzjonijiet ta` garanzija illi ormai, kif iddikjara l-attur stess, skadiet fil-11 ta` Mejju 2012.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

**Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2012 l-attur iddikjara li l-kawza saret fuq il-pretensjoni li l-bejgh tal-magna de qua ma kienx tal-kwalita` pattwita u mhux li l-magna de qua kienet affetta minn difetti mohbija. In vista ta` din id-dikjarazzjoni, il-kumpannija konvenuta, b`nota tal-21 ta` Gunju 2012, irrinunzjat ghall-ewwel (1), ghat-tieni (2) u ghat-tielet (3) eccezzjonijiet.**

Rat illi b`digriet tat-22 ta` Gunju 2012 kienhet milqugha t-talba tal-kumpannija konvenuta sabiex tipprezenta risposta ulterjuri.

Rat ir-risposta ulterjuri, fejn il-kumpannija konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skont l-Art 1407(1) tal-Kap 16.

Rat illi l-partijiet kienu diretti sabiex jittrattaw l-eccezzjoni ulterjuri.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Rat is-sentenza li tat fit-8 ta` Jannar 2013 fejn l-azzjoni attrici kienet dikjarata preskritta ai termini tal-Art 1407(1) tal-Kap 16.**

**Rat illi, wara li sar appell minn din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell tat decizjoni fl-24 ta` Novembru 2017 fejn irriformat is-sentenza appellata billi filwaqt li kkonfermatha fejn qalet li l-azzjoni, safejn maghmula taht l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili waqghet bil-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1407(1), hassret l-istess sentenza fejn cahdet it-talbiet tal-attur fuq il-premessa zbaljata li l-**

**azzjoni kienet biss taht l-Artikolu 1390 tal-Kap 16. Ghalhekk l-atti kienu rimandati lil din il-Qorti.**

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta` Mejju 2018 quddiem din il-Qorti, il-partijiet kienu ordnati sabiex, in linea mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, kellhom jindikaw liema talbiet u liema eccezzjonijiet kien jonqos li jigu decizi.

Rat in-nota li pprezenta l-attur fit-22 ta` Mejju 2018 fejn iddikjara illi l-kawza hija msejsa fuq il-kwistjoni tal-garanzija, u skont kif jirrizulta mit-talbiet, il-kwistjoni kollha hija dwar in-nuqqas ta` applikazzjoni tal-garanzija fuq il-magna de qua, stante li ma kenitx ta` kwalita` tajba, u ma kenitx tahdem sew, apparti d-danni li garrab.

**Rat illi b`nota kongunta tat-23 ta` Mejju 2018, il-partijiet iddikjaraw illi kien ghad kellhom x`jigu decizi t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba` (4), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet, kif ukoll l-eccezzjonijiet numru erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6).**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi kollha l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

Kien Dicembru 2008 meta l-attur xtara u akkwista minghand il-konvenuta dinghy tat-tip Zodiac PRO12MAN u mutur tat-tip ETEC 90HP mudell tal-2009. L-akkwist kien jinvolvi bi tpartit ma` dghajsa ohra illi l-attur kien qabel xtara u akkwista minghand il-konvenuta.

Darius Goodwin (rapprezentant tal-konvenuta) xehed illi t-tpartit sar ghaliex l-attur kien persuna esigenti hafna u qatt ma kien jikkuntenta ruhu b`xejn. Kien ilmenta anke dwar l-ewwel dghajsa, sakemm finalment kienet il-konvenuta li offriet li jsir tpartit ma' bicca tal-bahar akbar, bl-attur ihallas id-differenza fil-prezz.

Il-prezz tad-dghajsa bil-mutur kien ta` €7,735.20.

Il-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-attur kellu jarma hu personalment id-dghajsa b`console, seats u komponenti ohra li jigu armati fid-dghajsa.

Malli d-dinghy ghadda ghand l-attur bdiet il-garanzija ta` sentejn.

Dwar id-dinghy *ut sic* ma jidhirx illi kien hemm problemi.

Dwar il-mutur il-partijiet ftehmu illi dan kellu jintrama, jigi nstallat u programmat mit-teknici tal-konvenuta fil-garaxx tal-konvenuta stess. Din il-procedura kellha ssir ghall-fini ta` accertament qabel tidhol fis-sehh il-garanzija. Il-ftehim kien illi l-garanzija kellha tibda biss meta d-dghajsa tigi varata.

L-atti (inkluzi x-xiehda) u l-korrispondenza skambjata, inkluz dik ma' Tibor Toth, bhala rapprezentant tal-kumpannija manufattrici Bombardier Recreational Products ("**<u>BRP</u>**") juru li l-garanzija saret fit-12 ta` Mejju 2009 ghal tlett snin jew ghall-ewwel 750 siegha ta' uzu tal-magna, skont liema wahda ssehh l-ewwel. Dment illi l-limitu ta` sighat ta` uzu ma kienx ser jintlahaq qabel it-tliet snin, il-garanzija kellha tibqa` valida sat-12 ta` Mejju 2012.

L-attur xehed illi huwa ghazel dik l-ghamla ta` garanzija fejn kien jirrigwarda l-magna ghaliex kien reklamat mill-konvenuta li ma kienx ser ikollu bzonn ta` servizzi ta` manutenzjoni waqt l-ewwel 300 siegha ta` uzu. Barra minn hekk, dak il-mudell kellu konsum ta` zejt baxx u kien jixghel mill-ewwel.

Fil-messagg li johrog fuq quddiem nett tal-ETEC Operator's Guide jinghad hekk :

> "*With your Evinrude ETEC outboard there is no more time wasted in the shop. In fact, you only have to bring your Evinrude ETEC outboard in for dealer scheduled maintenance every 300 hours or every three years of normal recreational use. Fewer parts, fewer problems. Evinrude ETEC outboards have been engineered to outperform anything in the water – acceleration, top-end speed, any size, any horsepower, across the line.*"[1]

Skont il-*maintenance schedule* esebit a fol 406 tal-process, hemm indikat illi *scheduled maintenance* ghandha ssir kull 300 mitt siegha ta' uzu jew kull tlett snin. Dan ifisser illi l-manifattur kien qieghed jikkalkula uzu tal-magna f`total ta` 300 mitt siegha fuq medda ta` tlett snin, allura medja ta` uzu ta` 100 siegha fis-sena.

L-attur xehed illi l-magna tpoggiet mad-dinghy fi Frar 2009. F`Marzu tal-istess sena kienet varata, imbaghad f`Mejju bdiet taghti l-problemi. L-ewwel darba li kkomunika mal-konvenuta dwar il-problemi kien fil-11 ta` Gunju 2009 b`email.

L-attur jixhed li la qatt inghata kopja tal-garanzija u lanqas kopja tal-*commissioning report* li jinkludi *Engine Identification Report* li jinhareg mal-magna stess dwar il-prestazzjoni taghha f'hin u jum partikolari meta tigi mqabbda ma` kompjuter li jaqra l-informazzjoni generata mill-magna stess.

---

[1] A fol. 123 tal-process.

Stqarr illi f`Awwissu 2009 wara biss 100 siegha ta` uzu tal-magna din bdiet tintefa u nbidlu l-i*sparking plugs*.

Il-problema baqghet hemm.

Il-magna baqghet tintefa` u ma bdietx ittella *revs* kemm suppost meta tkun fuq *Wide Open Throttle*.

Skont l-informazzjoni fuq l-*Operator's Guide*, dik it-tip ta` magna kellha tilhaq bejn 4500 u 5500 *rpm* meta tkun fuq *Wide Open Throttle*.

Fil-kaz tieghu, skont l-attur, kienet qeghda tilhaq biss 4100 *rpm*. Ghalhekk b`email tal-1 ta` Settembru 2009 ressaq ilment mal-konvenuta.

Intant bdew isiru testijiet fuq il-magna mill-konvenuta sabiex tkun identifikata l-problema li ressaq l-attur.

B`email tat-2 ta` Settembru 2009, Darius Goodwin gharraf lill-attur li kien hemm ilma fil-fuel. Dak seta` jfisser li l-*injectors* ma kienux qeghdin jahdmu tajjeb.

Konsegwenza ta` battibekki li nqalghu bejn il-partijiet, kif ukoll wara l-intervent ta` BRP, l-*injectors* inbidlu skont il-garanzija.

B'e-mail tat-18 ta` Novembru 2009, l-attur, li huwa tekniku mill-mestier, baghat lista dettaljata bil-problemi kollha illi kien qieghed jiltaqa` maghhom fl-uzu tad-dghajsa.

B`e-mail tat-2 ta' Dicembru 2009, Darius Goodwin wiegeb fis-sens illi kellu jsir *testing*.

Il-konvenuta ghamlet it-*testing* taghha u sar tibdil li seta` jghin fir-risoluzzjoni tal-problema.

Min-naha tieghu l-attur ma kienx sodisfatt.

B`e-mail tat-18 ta` Frar 2010, il-konvenuta wiegbet illi kienet ser tkompli tassisti lir-rikorrent, biss kien mehtieg isiru aktar accertamenti.

L-attur jallega li dik kienet biss loghba da parti tal-intimata sabiex tisgicca mill-obbligi taghha taht il-garanzija.

Fix-xiehda tieghu, l-attur jidhol f`dettall dwar il-problemi kollha li rriskontra. Ighid illi ghalkemm il-magna marret ghand il-konvenuta bosta drabi, u fuqha saru mhux biss accertamenti izda anke xogholijiet, huwa qatt ma nghata sodisfazzjon.

E-mail ta` Darius Goodwin tal-5 ta` Awissu 2010 tikkontesta x-xiehda tal-attur u turi kull ma sar fuq il-magna, u cioe` :-

1. Tibdil taz-zejt tal-*gearbox*;
2. Tibdil ta' l-*impeller* tal-pompa ta' l-ilma;
3. Test tal-pressa tal-ilma;
4. *Compression test* tal-magna;
5. *Check* generali tal-magna u pajpijiet u *greasing*;
6. Inbidel il-*blowout valve*;
7. *Setting* tal-*cable* tal-gass u t-Throttle Position Sensor

Min-naha tal-attur jinghad fir-rigward tal-punt numru 7 li dak ix-xoghol ma sarx.

Jinghad ukoll mill-attur illi bhala xogholijiet sar :

bdil ta` *sparking plugs*,
bdil tal-pompa tal-fuel,

twahhal tank tal-fuel u filter estern,
sar *compression test*
inbidel il-*blowout valve*,
ghal darbtejn sar bdil ta` komponenti fit-*trim and tilt mechanism,* u
inghata *reset* tal-kompjuter tal-magna.

Min-naha tal-attur kompla jigi mistqarr illi minkejja t-tiswijiet, il-magna baqghet tintefa u qatt ma tellghet aktar minn 4300 *rpm*.

Jishaq l-attur li l-akbar problema li ltaqa` maghha kienet li l-magna kienet tintefa`.

Madanakollu, anke jekk il-magna kienet qeghda tintefa` meta d-dinghy tkun fuq il-bahar, u anke kif kien ikkonfermat minn Noel Spiteri u Jesmond Grech, kien jibqa` l-fatt li l-attur stess accetta li kien biss darba li kellu bzonn juza l-*pony engine*, u cioe` l-mutur addizzjonali, biex jidhol lura l-port.

Stqarr illi ghamel dan ghaliex irraguna li ladarba kien xeghel il-*pony engine might as well* juzah biex jirritorna lura.

L-attur dehrlu li l-uzu tal-magna kien qieghed jimmina l-aspett ta` sigurta`, meta jkun fuq il-bahar ; ghalhekk ghazel illi ma juzax aktar il-magna.

Jirrizulta li l-attur pprezenta ittri ufficjali kontra l-konvenuta, segwiti bil-kawza tal-lum.

Jirrizulta mill-atti illi l-magna damet tintuza ghal madwar 32 xahar.

Ir-ritratti li gew esebiti in atti mill-konvenuta u li ttiehdu minn fuq il-profil ta' facebook tal-attur juru li l-attur ghamel uzu gmielu mid-dghajsa u gawda d-delizzju tieghu tas-sajd anke b`qabdiet sostanzjali ta` hut.

Jidher ukoll illi fil-21 ta` Dicembru 2010 il-magna tat qari ta` uzu komplessiv ta` 524 siegha minn mindu kienet varata.

Darius Goodwin, ir-rapprezentant tal-konvenuta, xehed fit-tul. Ikkonferma li l-garanzija li tinghata tiddependi mill-prodott mibjugh, u jekk il-prodott ikunx sejjer jintuza ghal skopijiet kummercjali jew rikreattivi. Bejn l-2009 u l-2011 l-attur ressaq diversi lmenti. Ighid li minkejja li l-konvenuta ghamlet dak illi kellha taghmel, l-attur qatt ma kien kuntent.

Goodwin jishaq li l-uniku problema riskontrata kienet ilma fit-tank tal-fuel. Ighid li l-konvenuta assistiet lill-attur f`kull ilment li ressaq, u ghamlet kull riparazzjoni li kienet mehtiega, anke meta ma kenitx koperta bil-garanzija. Ezempju ta` dan kienu l-*isparking plugs* li huma specifikament eskluzi mill-garanzija[2].

Goodwin xehed illi l-attur kien qieghed jinghata diversi struzzjonijiet dwar dak illi kellu jaghmel biex titjieb il-prestazzjoni tal-magna, izda l-attur ma kienx dejjem joqghod mal-istruzzjonijiet li kien jinghata. Fil-fatt kien notat min-naha taghhom piz zejjed fuq id-dghajsa bhal *bracket* tal-hadid u *propellor* tqil. L-attur inghata stuzzjonijiet biex jitnaqqas il-piz izda l-attur irrifjuta. Skont Goodwin, il-prestazzjoni ta' l-magna ghal dghajsa tat-tip li kien akkwista l-attur tiddependi mill-piz li bih tkun mghobbija d-dghajsa. Fil-fatt il-*Manufacturer's Attestation* juri li l-magna ghandha sahha massima ta' 90HP. Il-piz massimu huwa ta' 189kg[3]. Jinghad ukoll illi "*Zodiac Nautic defines these essential characteristics for a use of the ships according to the regulation in force which makes it possible to guarantee to the users the optimal conditions of safety.*"

Goodwin osserva, kemm in bazi tal-esperjenza, kif ukoll in bazi tal-istatistika li jzommu huma, li f`Malta l-medja ta` sighat ta` uzu ta` dghajsa

---

[2] Ara Product Warranty Information sezzjoni 2 intitolata Exclusions – fol. 340 tal-process.
[3] Ara Dok. RLR 4 a fol. 456 tal-process.

ghal skopijiet rikreattivi hija ta` madwar 50 jew 60 siegha fis-sena. Ghalkemm xtara d-dghajsa u l-mutur ghal skop ta` rikrejazzjoni, l-attur spicca li mill-magna ghamel uzu qawwi hafna li kwazi kwazi kien iqarreb faxxa ta' uzu meqjusa bhala ta` *heavy commercial use*. Ir-*readings* li ttiehdu bejn it-13 ta` Marzu 2009 u l-21 ta` Dicembru 2010 kienu juru uzu ta` bejn tlieta u erba` darbiet aktar mill-medja.

Kompla jixhed meta tinqabez il-medja ta` uzu rakkomandat, ghalkemm il-magna ma jkollhiex hsara, tkun tehtieg aktar attenzjoni u manutensjoni. L-ewwel *scheduled maintenance* saret fil-21 ta` Marzu 2010, sena wara li kienet varata d-dghajsa ; sa dak il-mument il-magna kienet diga` tat *reading* ta` uzu ta` 296 siegha. Sa Dicembru 2010 ir-*reading* tela` ghal 524 siegha.

Ghamel referenza ghall-*Engine Computer Report* li huwa rapport li jkun generat mill-magna stess meta din titqabbad ma' kompjuter. Ir-rapport juri n-numru ta` sighat li fihom intuzat il-magna. Juri wkoll li l-magna lahqet massimu ta` 5418 *rpm* u fuq kollox jixhed li "*No hard faults found*". Ir-*revs* li kienet qeghda ttella` l-magna kienu within *tolerance*.

Xehed ukoll l-Ing. Prof. Carmel Pule` li kien mitlub mill-attur sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwar il-magna de qua. Qal illi huwa osserva l-operat tal-magna f`okkazjoni wahda biss waqt illi din kienet qed tahdem fuq il-bahar. Billi l-magna kienet ghadha taht garanzija hu llimita ruhu li semplicempent josserva l-operat taghha minn barra. Spjega illi l-magna xeghlet u ntfiet. Ghalih il-hoss taghha ma kienx wiehed normali tenut kont tal-fatt li kienet magna gdida. Osserva wkoll illi bdiet itella' *rev count* ta' bejn 4300 u 4500 u b'velocita` ta` anqas minn 30 knots kienet qed tipproduci 60HP flok 90HP kif indikat fil-manual li kien hemm mal-magna. Il-magna kienet mghammra b'"*teknologija sabiha mmens*", addirittura jiddeskriviha bhala "*teknologija fenomenali*". Kien fiha wkoll "*hafna electronics u delikatezza illi forsi trid tigi mpruvjata specjalment software.*"

Il-Prof Pule hejja rapport, li kien prezentat mill-attur bhala prova.

Fir-rapport jinghad hekk :-

> "*Mr Adrian Theuma states that when the motor was first acquired, over one year ago, the maximum speed achieved was well over 30 knots, having a good acceleration with a normal load including four adult passengers. The top speed of the boat with two adults aboard was then recorded at 33 knots. The maximum revolutions of the engine where around 5000 rpm*."

Meta l-magna kienet ippruvata, bdiet tahdem *rough* u ma kenitx qeghda ttella` aktar minn 4300 rpm.

Il-konkluzjoni ta` Prof Pule kienet :-

> "*As the motor is a very modern motor with a mapped memory for electronic control of the direct fuel injectors after a multiple of sensors are monitored, it is concluded that the conditions within the motor are not suitably tuned nor performing to achieve the maximum power claimed by the manufacturer*."

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Tibda billi tosserva li l-akkwist mill-attur tad-dinghy u l-mutur saru ghal skopijiet rikrejattivi. Tant hu hekk illi l-garanzija li nghatat fir-rigward tal-mutur kienet propju dik illi tinghata meta l-uzu mill-mutur ikun dikjarat illi ser ikun limitat ghal uzu rikrejattiv.

Hemm qbil illi ghall-kaz tal-lum kellha tapplika garanzija ta` tlett snin jew ta` 750 siegha, skont liema minn dawn, tavvera ruhha l-ewwel.

Tajjeb jinghad illi rrizulta li fil-kaz ta` uzu ghal skopijiet kummercjali (u allura fejn ikun qed isir uzu accentwat tal-mutur) il-garanzija kellha applikazzjoni limitat ghal sena.

Hija l-fehma tal-Qorti illi d-distinzjoni bejn uzu kummercjali u uzu rikrejattiv, u l-konsegwenti distinzjoni fl-estensjoni tal-garanzija, kienet mahsuba li tkun hekk bi skop.

Skont Darius Goodwin, uzu rikrejattiv normalment ikun ta` bejn 50 u 60 siegha fuq medda ta' sena. Waqt li uzu akbar ma jikkawzax hsara lill-mutur, fl-istess waqt il-mutur ikun jirrikjedi aktar manutenzjoni u kura.

Fil-kaz tal-lum, anke jekk l-uzu mill-attur kien intiz li jkun ghal rikreazzjoni fis-sens li kien abbinat mad-delizzju tieghu tas-sajd, jirrizulta illi l-uzu fuq firxa ta` sena kien bil-ferm oghla minn dak li kien mistenni. Fil-fatt, minn qari tal-informazzjoni li tohrog direttement mill-mutur jirrizulta li, sal-21 ta' Awissu 2009, meta l-mutur kien ilu jintuza biss tliet xhur, kien diga` sar uzu ghal ben 135 siegha. Imbaghad, minn qari tal-metragg tal-uzu li sar fil-21 ta' Dicembru 2010, irrizultat il-figura ta` 525 siegha. Skont Darius Goodwin, dak il-metragg iqarreb dak normalment huwa attribwit ma` uzu ghal skop kummercjali.

Tirrileva li sa minn ftit xhur wara li beda jaghmel uzu mill-mutur, l-attur beda jilmenta li ma kienx qieghed jilhaq l-aspettattivi tieghu, in linea mal-informazzjoni fornita minn BRP.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, l-attur jidentifika l-problemi li kellu bil-magna de qua : (i) hela ta' zejt ; (ii) il-magna tintefa` wehidha u tahdem '*rough*' b'hafna hsejjes li mhux suppost jinstemghu ; (iii) il-magna ma kinitx qeghda ttella' bizzejjed velocita` meta tkun fuq *Wide Open Throttle* ; (iv) it-*tilt and trim mechanism* ma kienx qieghed jahdem sewwa; (v) l-i*speedometer* ma baqax jahdem ; u (vi) l-*pipe* tal-ilma li gej mill-qiegh tal-magna ghal gol-*console* ittaqqab.

L-attur jipprezenta ruhu bhala bniedem tekniku li ghandu kemm l-esperjenza u kif ukoll l-gharfien fl-inginerija u l-mekkanika. Ghalhekk seta` jidentifika fatturi li, skont hu, kienu mankanzi jew difetti, li allura ma kinux jinkwadraw ruhhom mar-reklamar ta` BRP dwar il-prestazzjoni tal-magna.

Minkejja li ssenjala diversi nuqqasijiet fil-magna, l-attur baqa` ma ndikax is-soluzzjoni, minkejja l-pretiza kompetenza tieghu, anke jekk jidher evidenti li kien qed jippretendi - legittimament - li tkun il-konvenuta li ssib is-soluzzjoni.

Dan premess, tirrileva li jekk tassew l-attur ried li l-mutur jahdem u jservi l-iskop li ghalih kien intiz, allura *forsi* seta` juza l-gharfien tekniku tieghu sabiex ighin fis-sejbien ta' soluzzjoni ghall-ilmenti tieghu.

<u>Huwa fatt accertat</u> illi minkejja kemm ilmenta dwar il-prestazzjoni tal-magna, l-attur waqaf juza l-magna meta l-uzu taghha kien diga` lahaq il-figura ta` 525 siegha.

L-uzu ta` 525–il siegha kien mifrux fuq sena u nofs minn mindu kienet varata d-dghajsa.

Il-Qorti tosserva illi kien <u>fattwalment</u> accertat illi, anke jekk ikun accettat li l-magna kienet qeghda taghti l-problemi, l-attur xorta wahda baqa` jaghmel uzu tajjeb minnha, u kif jaccetta huwa stess, kienet biss f'okkazjoni wahda fejn ghamel uzu tal-*pony engine* purament ghaliex, kif jghid hu, ladarba xeghel il-mutur, irraguna li *tanto vale* juzah biex jidhol lura.

Il-Qorti fliet il-provi kollha.

Mir-rapport tal-Ing. Prof. Pule`, jirrizulta li, abbazi ta` nformazzjoni li kien ghaddielu l-attur, jirrizulta li ghall-bidu tal-uzu taghha il-magna kienet ittella` anke 5000 *revolutions* fil-minuta.

Il-Qorti tosserva li dan jikkontrasta ma' dak illi xehed l-attur u cioe` li l-magna qatt ma tellghet aktar minn 4300 *revolutions* fil-minuta.

Il-konkluzjoni tal-espert ex parte tal-attur kienet illi : "*the conditions within the motor are not suitably tuned nor performing to achieve the maximum power claimed by the manufacturer*".

Mill-espert *ex parte* tal-attur ma kenitx identifikata soluzzjoni ; lanqas ma sar proposti ta` xi xorta.

Tajjeb jinghad illi huwa fatt ippruvat li meta l-attur ilmenta sab sostenn mill-konvenuta.

Il-partijiet jaqblu li l-magna marret ghal *testing* jew tiswija ghadd ta` drabi.

Kien ukoll ippruvat illi sar xoghol fuqha bil-ghan illi jkunu ndirizzati u rizolti l-ilmenti tal-attur.

L-attur jallega li l-konvenuta ghamlet li setghet sabiex ittawwal iz-zmien sabiex tinstab soluzzjoni, b`finalita` wahda u cioe` li tisgicca mill-obbligi taghha skont il-garanzija.

L-attur jishaq illi diversi kienu d-drabi li ha l-magna ghat-tiswija ; biss ma nghata ebda sodisfazzjon.

Il-kontestazzjoni tal-attur hija kontradetta b`email tal-5 ta' Awissu 2009 li pprezenta huwa stess fejn jirrizulta li Goodwin ghamel lista tax-xogholijiet kollha illi kienu saru. Kwindi mhux biss kienet accertata il-fattwalita`ta` x`kien izda kienet qeghda tkun accettata r-responsabilita` ghal kull ma kien sar.

Tajjeb jinghad illi ma rrizultax li da parti taghha l-konvenuta haslet idejha mill-ilmenti tal-attur.

Tajjeb jinghad ukoll li l-konvenuta qaghdet mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-garanzija li saret minn BRP bhala l-manifattur tal-magna, u li kienu accettati mill-attur.

Taghmel referenza ghal dik il-parti tal-garanzija li ghandha rilevanza ghall-kaz odjern, u cioe` il-parti nru 5 intitolata : W*hat BRP will do* : li tghid :-

> "*BRP's obligations under this warranty are limited to, at its sole discretion,* ***repairing or replacing parts of Product found to be defective in material or workmanship****, in the reasonable judgment of BRP. Such repair or replacement of parts will be done without charge for parts and labour, at any authorized Distributor/Dealer, under the conditions described above.*
>
> *BRP's responsibility is limited to making the required repairs or replacements of parts. NO claim of breach of warranty shall be cause for cancellation or recession of the sale of Product to Owner.*"[4] (enfasi mizjuda)

Il-provi juru bic-car illi l-konvenuta bidlet anke komponenti tal-magna u offriet servizzi li lanqas biss kienu koperti bil-garanzija. Dan jghodd partikolarment fil-kaz tal-*isparking plugs* illi huma kategorikament eskluzi mill-garanzija.

L-attur jallega wkoll inkompetenza da parti tat-teknici ta' l-konvenuta. Cio` nonostante ma gabx provi partikolari in sostenn tal-allegazzjoni tieghu.

Lanqas ma tista` toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-Ing. Prof Pule` ghar-raguni li dan m`ghamel ebda ezami tekniku tal-magna izda kemm illimita ruhu ghall-osservazzjoni tal-prestazzjoni taghha minn barra f`okkazjoni wahda biss. Fuq dik l-osservazzjoni bbaza l-konkluzjonijiet tieghu. Prof Pule` attribwixxa l-problema tal-magna ghat-teknologija taghha. Pero` waqaf hemm. Din il-fehma ma tirrizultax korraborata minn provi teknici oggettivi ohra.

[4] Ara fol. 356 tal-process.

Abbazi tal-provi, partikolarment mir-rapport intern generat mill-magna stess, irrizulta li din tellghet *revolutions per minute* li jinkwadraw ruhhom fil-parametri ndikati mill-manifattur ghall-fini ta` prestazzjoni. Jidher ukoll illi ebda difett ma rrizulta tant illi r-*reading* mill-magna indika illi "*no hard faults found*".

Jekk il-magna ma lahqitx l-aspettattivi tal-attur ma jfissirx li l-konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi taghha, u li l-attur kien gustifikat fit-talbiet illi ressaq. Tibqa` l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li t-talbiet tal-attur ma kinux ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet li baqghu mhux decizi bis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Novembru 2017 billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) eccezzjonijiet stante li dawn kienu rinunzjati fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` r-raba` (4), il-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjonijiet.**

**Tichad it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba`(4), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet.**

**Bla hsara ghal dak li kien deciz mill-Qorti tal-Appell dwar l-ispejjez fis-sentenza taghha tal-24 ta` Novembru 2017, tordna li l-**

**ispejjez kollha relatati mas-sentenza tal-lum ghandhom jithallsu mill-attur.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**